MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2838/2002

**Perit Arkitett u Inginier Civili Renato La Ferla**

**Vs**

**Magistrat Dottor Gawdenz Borg LL.D**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ hames mija u disghajn lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm590.86), tali somma rapprezentanti d-dritt professjonali tieghu b’riferenza ghall-stimi ta’ propjeta mmobiljari li ghamel u li jifformaw parti mill-eredita tal-mejjet Professur Monsinjur Salvu Grima kif ukoll pjan ta’ divizjoni f’zewg porzjonijiet tal-propjeta bejn il-konvenut u l-werrieta l-ohra tal-familja Grima.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li huwa personalment qatt ma nkariga lill-attur sabiex jaghmel stimi u pjan ta' divizjoni.

Semgha x-xhieda li ressqu l-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Il-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

(a) L-eredita tal-Professur Monsinjur Salvu Grima ddevolviet in kwantu ghal sehem ta' zewg kwinti [2/5] lid-Dar tal-Kleru u ghal sehem ta' tlett kwinti [3/5] lill-familja Grima.

(b) L-attur gie nkarigat sabiex jaghmel stima tal-propjeta mmobiljari u pjan ta' divizjoni.

(c) L-attur gie mgharraf bl-inkarigu moghti lilu minn l-avukat Dr. Paul Mallia permezz ta' ittra datata 11 ta' April 2001 [fol. 10]. Fl-ittra jinghad li hemm ezektur testamentarju u li l-konvenut ***"looks after the interest of the Grima family"***.

(d) Il-konvenut m'huwiex wiehed mill-werrieta tal-Professur Monsinjur Salvu Grima. F'dan ir-rigward l-attur xehed: *"jiena nikkonferma illi **l-konvenut m'ghandux sehem mill-propjeta**. Hu kien qieghed jidher in rapprezentanza tas-sehem ta' martu. U nifhem ukoll li ghal tal-ohra ukoll"* [fol. 16]. Inoltre, anke l-ittra mibghuta mill-attur lill-konvenut u li ggib id-data tal-15 ta' Ottubru 2001 [fol. 22], intbaghtet lilu *"**bhala rapprezentant** tal-parti tal-Familja mill-eredita ta' Monsinjur Salv. Grima"*.

(e) Il-konvenut ma tax d-dettalji tan-nies li kien qieghed jirraprezenta sabiex l-attur jitlob il-hlas minghandhom.

2. Huwa verament ta' sfortuna li kawza bhal din spiccat quddiem it-Tribunal. Il-provi kollha jindikaw li l-attur kien gie nkarigat mill-werrieta tal-Professur Monsinjur Salvu Grima sabiex jaghmel stima u pjan ta' divizjoni tal-propjeta mmobiljari. Il-konvenut stess ikkonferma li:- *"meta sirna nafu illi kien tqabbad il-perit Laferla, hadd ma oggezzjona ghall-inkarigu tieghu"* [fol. 31]. Wiehed ghalhekk kien jistenna li hekk kif l-attur jlesti r-rapport, huwa jithallas id-dritt professjonali tieghu. L-attur kien lejali bizzejjed li jghaddi kopja tar-rapport qabel ma thallas id-dritt tieghu. Jidher bic-cjar li l-familja Grima ma ghogobomx il-kontenut tar-rapport u baqghu ma hallsux. Ma rrizultax li kien hemm xi kontestazzjoni fuq il-hlas li ppretenda l-attur. Min-naha tieghu l-konvenut irrifjuta li jaghti d-dettalji tal-persuni li kellhom ihallsu. Wiehed kien jistenna li l-konvenut, persuna li kienet tokkupa kariga fil-gudikatura u li messha taf ahjar, u taghti l-informazzjoni mehtiega. Il-konvenut qal, *"jiena kelli wkoll direttiva mhux b'mod dirett, forsi indirett, illi ma nikxifx l-idtentita tal-persuna illi kont qed nirrapresenta"* [seduta tat-30 ta' April 2003]. Kliem li zgur ma jistax jirrifletti tajjeb fuq il-mod kif agixxa l-konvenut.

3. Madankollu t-Tribunal huwa marbut li japplika l-ligi. Mill-provi rrizulta li l-konvenut kien qieghed jagixxi bhala mandatarju f'isem il-familja Grima; *"la regola che il mandatario il quale nella contrattazione rispetta i confini del mandato obbliga il mandante e non s'impegna personalmente ha luogo quando egli contrae l'obbligazione nomine, cioe nella sua qualita di mandatario. … pertanto, ove il contraente, agendo per conto altrui, non abbia manifestato la sua qualita' di procuratore o altrimenti dichiarato non volersi personalmente obbligare, o se la sua qualita' di mandatario non sia nota al terzo in modo da fare presumere che questi non abbia voluto dare credito al mandatario personalmente, devesi ritenere che questi abbia contratto l'obbligazione in nome proprio"* [Appell – **Salvatore Coleiro vs John Ellis** deciza fl-4 ta' Frar 1914 – Vol. XXII.i.93]. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur kien mill-bidunett jaf li l-konvenut kien qieghed jagixxi f'isem

haddiehor u mhux f’ismu personali. Fic-cirkostanzi, t-talba ghall-hlas ma tistax tigi diretta kontra l-konvenut personalment.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta’ l-attur in kwantu din hija diretta fil-konfront tal-konvenut, salv u mpregudikat d-dritt li ghandu fil-konfront ta’ terzi.

Spejjez jibqghu minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------